MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Erbgha, 13 ta' Marzu 2019**

Rikors Numru 9/2018

Wara sentenza Nurmu 3/82 GC deciza fit-28 ta' Frar 1994 fl-ismijiet:

**Rosalie Mifsud, Marie Mifsud, Elise mart il-Maggur Peter Paul Formosa Gauci u Joseph Formosa Gauci**

**vs**

**Carmelo Pace Gasan, Niola Abela, Cristinu Abela u Joseph Vella nominat b'digriet ta' dan il-Bord tal-4 ta' Mejju 1982 kuratur deputat biex jirrappresenta lill-eredita' giacenti ta' Caterina Vella u, b'digriet tal-4 ta' Lulju 1991, l-atti gew trasferiti f'isem Joseph Abela stante l-mewt ta' Nikola Abela**

Il-Bord,

**1. Premessi**

1. Ra ir-rikors promotur ippresentat fl-24 ta' Ottubru 2018 fejn ir-rikorrenti talbu is-segwenti:

   *Illi b'sentenza tal-14 ta' Gunju 1991 fl-ismijiet premessi, il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' ddecieda billi cahad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, laqa' t-talbiet tal-atturi u awtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-ghalqa b'razzett maghha, tal-kejl ta' cirka 17-il tomna, 4 sighan, u 8 kejliet, konfinanti mil-lvant ma Triq ir-Rabat, Dingli, u mill-irjieh l-ohra kollha ma' proprjeta' tal-atturi, formanti parti minn raba' maghruf bhala Ta' Falzon, Had-Dingli. Ghall-finijiet ta' zgumbrament, l-istess Bord ipprefigga terminu ta' tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza.*

   *Illi din is-sentenza giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza ohra tat-28 ta Frar 1994 fl-ismijiet premessi.*

*Illi minkejja li l-intimati u/jew is-successuri taghhom gew interpellati diversi drabi, huma baqghu inadempjenti u ghadhom jokkupaw l-ghalqa hawn fuq imsemmija sallum.*

*Illi l-esponenti ghandhom interess li jezegwixxu s-sentenza hawn fuq imsemmija kontra l-intimati u/jew is-successuri taghhom ai termini tal-Artikolu 259 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna 1-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Rosalie Mifsud et vs Carmelo Pace Gasan Rikors Numru 3/1982 GC) deciza minn dan il-Bord fl-14 ta' Gunju 1991 u konfermata quddiem il-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 1994, ai termini tal-artikolu 258 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijet ta Malta u ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

2. Ra illi fid-29 ta' Ottubru 2018, il-Bord ghadda ghadda biex iddegreta r-rikors billi qal is-segwenti:

   *Il-Bord,*

   *Ra ir-rikors tal-24 ta' Ottubru 2018,*

   *Ra illi tali rikors gie kkonfermat minn wiehed mir-rikorrenti, ossija Joseph Formosa Gauci fit-18 ta' Ottubru 2018.*

   *Ra l-Art 6*[1] *tal-Kap 199.*

   *Ra l-Art 258 tal-Kap 12.*

   *Ra illi ma hemm ebda raguni fil-Ligi ghaliex sentenza tal-Bord datata 14 ta' Gunju 1991 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1994*[2] *ma jkollhiex tigi reza ezegwibbli.*

   *Jilqa' t-talba kif dedotta*

3. Ra illi fl-14 ta' Novembru 2018, sar rikors minn Joseph Abela fejn qal is-segwenti:

   *Illi l-Bord ta' digriet datat 29 ta' Ottubru 2018 sabiex sentenza moghtija fl-14 ta' Gunju 1991 tigi reza esegwibbli;*

   *Illi bid-dovut rispett l-artikolu 16 tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta ma' ghandux x'jaqsam mat-talba kif kontenuta fir-rikors promutur tar-rikorrenti datat 24 ta Ottubru 2018;*

   *Illi in kwantu l-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta dana mhux applikabbli ghall-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba;*

[1] Jidher illi erronjament, fid-digriet dattilografat mill-istaff tal-Qorti, flok l-artikolu 6, kif miktub fid-digriet skritt, tnizzel artikolu 16, li ma ghandu x'jaqsam xejn u li ma saritx referenza ghalih minn dana il-Bord.
[2] Jidher illi erronjament, fid-digriet dattilografat mill-istaff tal-Qorti, flok is-sena 1994, kif miktub fid-digriet skritt, tnizzlet is-sena 2994, ossija 975 'l sena 'l quddiem millum, li certament ma saritx referenza ghalih minn dana il-Bord.

*Illi ghalhekk jinghad b'rispett li t-talba kif kontenuta fl-imsemmi rikors, liema rikors ma kienx notifikat lill-partijiet ma' setghetx tigi milqugha;*

*Ghalhekk, l-esponenti qed jitlob bir-rispett, li d-digriet moghti minn dana l-Onor. Bord datat 24 ta' Ottubru 2018 jigi revokat contrario imperio, u t-talba tigi michuda.*

4. Ra illi fis-16 ta' Novembru 2018, il-Bord ta' digriet fejn ddeciedi s-segwenti:

   *Il-Bord,*

   *Ra ir-rikors,*

   *Tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru 2018 u tappunta l-kaz ghas-smigh ghat-28 ta' Novembru 2018 fid*-9.15am.

5. Ra illi fit-28 ta' Novembru 2018 intalbet differiment mir-rikorrent u l-kawza giet differita ghas-6 ta' Frar 2019.

6. Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-6 ta' Frar 2019, wara liema trattazzjoni l-kawza giet differita ghallum ghal digriet finali.

## 2. Provi

1. Ra illi jirrizulta li fl-14 ta' Gunju 1991, il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba iddecieda l-vertenza bejn il-partijiet fejn, inter alia, awtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-ghalqa u razzett in kwistjoni.

2. Ra illi jirrizulta illi fit-28 ta' Frar 1994, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), ikkonfermat id-decizjoni tal-Bord.

3. Ra illi, skond ir-rikors tar-rikorrenti Rosalie Mifsud, Marie Mifsud u Joseph Formosa Gauci, kkonfermata bil-gurament ta' Joseph Formosa Gauci stess, is-sentenza qatt ma giet enforzata u l-ghalqa w ir-razzett ghadu fil-pussess ta' l-intimati.

4. Ra illi ghalhekk ir-rikorrent talbu l-ezekuzzjoni tas-sentenza decizja fl-14 ta' Gunju 1991 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1994 a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap 12.

5. Ra illi l-intimat Joseph Abela oggezzjona ghal tali talba billi kkontenda illi l-Artikolu 258 tal-Kap 12 ma huwiex applikabbli ghall-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba.

6. Ra illi ghalhekk il-Bord appunta r-rikors ghat-trattazzjoni u qed jghaddi biex jaghti s-segwenti digriet.

## 3. Konsiderazzjonijiet.

1. Jirrizulta illi, a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 12:

*Huwa titoli esekuttivi:*

*(a) is-sentenzi u d-digrieti tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta.*

2. Jirrizulta illi, a tenur tal-Artikolu 6 tal-Kap 199,

*(1) Il-Bord għandu jkollu dawk is-setgħat kollha li huma mogħtija lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Kull mandat jew ordni maħruġ mill-Bord għandu jkun iffirmat miċ-chairman u awtentikat mir-reġistratur.*

*(3)It-twettiq tad-deċiżjonijiet tal-Bord, bil-mod preskritt fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jkun fil-Bord stess.*

3. Jirrizulta illi, a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap 12:

*Wara -*

*(a) l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit; jew*

*(b) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta' ġie esegwit; jew*

*(ċ) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,*

*L-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*

4. Jirrizulta illi a tenur tal-Artikolu 265 tal-Kap 12,

*Fil-każ ta' appelli, is-sentenza għandha tiġi esegwita mill-qorti tal-ewwel grad indipendentement minn jekk il-Qorti tal-Appell tikkonferma, tvarja jew tħassar is-sentenza tal-ewwel qorti.*

5. Jirrizulta illi, a tenur tal-Artikolu 6 (3) tal-Kap 199, il-Qorti kompetenti ghat-twettieq tas-sentenzi tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba huwa l-istess Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba.

6. Jirrizulta illi, fir-rikors promotur tar-rikorrenti, dak rikjest fl-Artikolu 258 tal-Kap 12 gie ottemperat mieghu, stante illi r-rikorrent ikkonferma bil-gurament illi "*t-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha .... jkun ghadu dovut*."

7. Jirrizulta, ghalhekk, illi ma hemm ebda raguni ghaliex t-talba tar-rikorrenti ma ghandhiex tintlaqa.

## 8. Konkluzjoni

Il-Bord,

Wara illi ra ir-rikors tar-rikorrenti datat 24 ta' Ottubru 2018,

Wara illi ra l-oggezzjoni ta' l-intimat Joseph Abela minnu registrata fl-14 ta' Novembru 2018.

Wara illi sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Jaqbad u jiddeciedi r-rikors billi

Jilqa t-talba kif dedotta.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur